MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Numru. 447/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Michael Vella**

Kaz Numru: 447/2010

Illum 19 ta' Frar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Michael Vella**, bin Carmel u Josephine neé Azzopardi, imwieled fid-29 ta' Awwissu 1968, residenti 'Sunrise', Triq il-Madonna tal-Hniena, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 24568(G), akkuzat talli

dawn l-ahhar xhur u specifikament fit-12 ta’ Mejju 2010 fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Xewkija u l-inhawi ta’ madwar;

1. dahal ghal xi attivita’ fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita’ kompetenti u bi ksur ta’ tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-skart (A.L. 337/2001 Art. 6);

2. abbanduna, waqqa’, tefgha jew xort’ ohra immaniggja skart mhux skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tat-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art. 26(a));

3. qieghed skart f’post fejn ma hux post li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta’ xi permess (L.N. 337/2001 Art. 7(3));

4. minghajr awtorizazzjoni b’ligi, rema’, tefgha jew iddepozita xi zibel elenkat fi Skeda 2 tal-Avviz Legali 344/2005 f’post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (A.L. 344/2005 Art. 4);

5. rema, tefgha jew xort’ ohra iddepozita f’post, gewwa post jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas u halla xi haga tkun li tkun f’cikostanzi tali li jikkaguna, jikkontribwixxi jew li jista’ jwassal ghal, it-tkerrih biz-zibel u skart ta’ xi post fil-berah, kemm ‘l darba dan id-depozitu u t-thollija ma jkunx awtorizzat bil-ligi (Kap. 206 Art. 3);

6. ftiehem jew b’liema mezz li ikun ghen jew hajjar sabiex jinkisru d-disposizzjonijiet tal-A.L. 337/2001 jew naqas milli jikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-A.L. 337/2001, jew biex jinkisru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposti minnhom (A.L. 337/2001 Art. 26(e));

7. aktar talli nhar it-12 ta’ Mejju 2010 wara nofs inhar, kiser il-kundizzjonijiet generali sabiex issir attivita’ kummercjali billi kien ta’ sikkatura ghan-nies ta’ madwar, ikkaguna sikkatura bil-hsejjes u tefa’ rwejjah hziena, dhahen, fwar, gassijiet, trabijiet jew inkella tefa’ irwejjah

nocivi jew offensivi fl-atmosfera li jistghu ihassru jew jipperikolaw is-sahha (A.L. 1/2006 Tieni Skeda Reg. 02);

8. nhar it-12 ta’ Mejju 2010 bejn is-1.00pm u l-4.00pm kiser il-kundizzjonijiet generali sabiex issir attivita’ kummercjali billi iggenera storbju b’martellar jew bl-uzu ta’ makkinarju li jinstema’ minn barra l-post u li kkawza sikkatura lil girien (A.L. 1/2006 Tieni Skeda Reg. 08);

9. fl-istess triq f’garaxx biswit jew mar-residenza ‘Sunrise’ fetah jew zamm post kummerjcali meta ma kienx id-detentur ta’ licenzja dwar dak il-fond mill-Awtorita’ Regolatorja (Kap. 441 Art 13(1)).

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija b’zieda ma kull piena li tista’ tigi imposta skond l-Att 206 dwar iz-Zibel u Skart u A.L. 344 tal-2005, tordna l-hati sabiex inehhi mill-post fejn sar ir-reat, il-materjal kollu li dwaru instab hati fi zmien bizzejjed ghal hekk li jigi stabbilit mill-Qorti u li fin-nuqqas tat-tharis ta’ dik l-ordni, dak il-materjal jitnehha mill-Pulizija jew Kunsill Lokali tal-lokalita ghas-spejjez tal-hati (A.L. 344/2005 Art. 14(1), Kap. 206 Art. 10(b))

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti irrizulta li fit-12 ta’ Mejju 2010 sar rapport mal-Pulizija minn certu George Debrincat u Mary Micallef li kienu qeghdin jigu mdejqa mill-imputat waqt li kien qed jahraq it-*torch* fit-triq u d-duhhan dahal fid-dar taghhom. Apparti dan, Debrincat u Micallef ilmentaw li l-imputat kien qed jaghmel hafna storbju u kien qed ihalli hafna imbarazz fit-triq.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’diversi imputazzjonijiet: l-ewwel sitt imputazzjonijiet jirrigwardaw skart jew zibel, is-seba’ u t-tmien imputazzjonijiet jirrigwardaw ksur ta’

kundizzjonijiet sabiex issir attivita kummercjali, u d-disa' imputazzjoni tirrigwarda nuqqas ta' licenza.

Illi nstemghu diversi xhieda mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Jidher b'mod car li George Debrincat u Mary Micallef ma huma kuntenti xejn bl-attivita gestita mill-imputat: huma jghidu li r-riha ma jistaportuhiex u li apparti r-riha, l-imputat jaghmel storbju. George Debrincat xehed ukoll li l-imputat illum naddaf. Da parte taghha, Mary Micallef tghid li l-imputat iqabbad il-haddiema johorgu bil-karozzi fit-triq u jigu t-trakkijiet biex jehduhom Malta. Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Steven McIntosh li jghid li ma jafx lill-imputat. Jispjega li minn naha ta' wara tal-proprjeta tieghu, jista' jara dik li huwa jsejjah bhala *"junk yard"* u jghid li jghaddi minn hdejn din il-*"junk yard"* meta jghaddi bil-kelb tieghu ghall-passiggata.

Illi, gew ezebiti diversi ritratti fl-atti ta' dawn il-proceduri, li gew mehuda in konsiderazzjoni mill-Qorti.

Illi, fl-affidavit tieghu, PS 1233 John Attard, jghid li meta mar fuq il-post innota partijiet ta' vetturi u fejn kien qed jahdem l-imputat innota zjut mal-art u hdejn il-*garage* tal-imputat kien hemm ukoll partijiet tal-vetturi u zjut fit-triq.

Illi, fl-okkorrenza tieghu, PS 664 Jason Xerri qal hekk: *"Along tal-horob, truckparts and tyres are along the schemed road. Also in from of his garage at Triq il-Madonna tal-Hniena is littered with the same. Also engine oils stains the street. Michael collects metal materials and sell it in Malta"*.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri pero talab li jixhed rapprezentant tal-licenzji fil-Korp tal-Pulizija, u di fatti xehed PS 369 Joseph Mizzi li xehed li fl-1978 Josephine Vella (omm l-imputat) ghamlet applikazzoni biex tigi trasferita licenzja ta' *boat builder* u di fatti fil-21 ta' Jannar 1979 din il-licenzja giet maqluba fuq it-tfal. Minn kopja ta' registru mmarkat bhala dok. "JM 1", ezebiet minn PS 269 Joseph Mizzi, hemm imnizzel: *"Vella Francis obo of his brothers George, Carmel & Michael"* u hemm

imnizzel ukoll *"to keep a boat builder's shop and a mechanical garage"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jistghu jigu kkunsidrati bhala komprizi u nvoluti flimkien. Jirrizulta li l-imputat jaghmel xoghol ta' mekkanik. Jirrizulta wkoll li meta xehed George Debrincat fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2010 hu qal li l-post kien tnaddaf. Jigifieri jekk ir-rapport lil Pulizija sar fit-12 ta' Mejju 2010 u l-imputazzjonijiet jirreferu ghal din l-istess data, ma jirrizultax meta l-post gie mnaddaf ezatt ezatt pero zgur li dan gie mnaddaf sakemm xehed George Debrincat, cioé sat-22 ta' Lulju 2010. It-thollija tad-diversi affarijiet mhollija l-hemm u l-hawn kif jidhru minn ritratti "GD 1" sa "GD 6", "RS 1" u RS 2" u "FT 1" sa "FT 8" hija wahda li tkerrah il-post fejn ikunu jigu mitfugha. Kif diga nghad, il-post issa tnaddaf. Di fatti, George Debrincat xehed li l-post kien tnaddaf, u dan anke tikkonfermah il-konsulent legali ta' George Debrincat u ta' Mary Micallef li fit-trattazzjoni taghha qalet: *"Ghal kull buon fini qeghdin niddikjaraw hawnhekk illi llum is-sit huwa nadif"*. Apparti dan, meta xehdet Mary Micallef hija qalet fis-sens li l-imputat iqabbad il-haddiema johorgu l-vetturi fit-triq u jigu t-trakkijiet biex jehduhom.

Illi, ta' min jinnota li Avviz Legali 377 tal-2001 jghid li "skart" huwa:

"b'zieda ma' dak li jinghad fl-Att, tfisser kull haga, sustanza, prodott jew oggett, f'ghamla sew solida sew likwida, ta' xorta sew perikoluza sew xort'ohra, inkluzi dawk elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li pussessur jwarrab ghar-rimi, jew ikun bi hsiebu jew ikun mehtieg li jwarrab ghar-rimi, jew dak kollu li jitqies li jkun skart mill-Awtorita' kompetenti".

Illi, ta' min jinnota wkoll li Avviz Legali 344 tal-2005 jghid li "zibel" jinkludi:

"kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummerçjali, hwejjeg mormija, rdum jew laqx u minghajr ma tillimita l-

generalità tal-fuq imsemmija tinkludi kull hgieg, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, *chewing gum*, çikka ta' sigarett, vettura mitluqa, reçipjent, taghmir, jew makkinarju, shih jew f'biççiet, fdalijiet u qtugh tal-gnien, hamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini iehor; u

kull oggett, materjal jew sustanza ohra ddepozitata f'post pubbliku li tikkawza jew izzid id-dehra mhawwda ta' dak il-post jew li tikkawza effett b'mod li ggib dannu ghall-uzu xieraq tal-post, jew li tista', b'mod generali, izzid ir-riskju ta' periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta' madwar, jew li tista' tkun haga li ddejjaq lill-pubbliku".

Illi, minkejja li l-affarijiet li gew mormija u mitfugha gew issa migbura u mnehhija, xorta jibqa' l-fatt li mill-provi prodotti, u dana b'mod specjali mir-ritratti ezebiti, li dawn ma gewx mnehhija mal-ewwel jew ftit hin wara, pero litteralment gew mitfugha bl-addocc l-hemm u l-hawn ghal diversi granet sakemm eventwalment gew mnehhija. Minkejja li gew mnehhija minn fuq il-post u minkejja li l-post tnaddaf ma jistghax l-imputat jippretendi li jaqbad u jitfa' bicciet tal-karrozzi u hafna hafna affarijiet ohra relatati max-xoghol tieghu l-hemm u l-hawn u mbaghad meta jfettielu jnehhiehom. B'hekk m'hemmx dubju, li in vista ta' dak li nghad hawn fuq, li l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati. Dawn is-sitt imputazzjonijiet jistghu jigu assorbiti f'xulxin u b'hekk, ghall-fini ta' piena, il-Qorti ser tittrattahom flimkien u bhala piena ser tinghata wahda.

Illi, fir-rigward tas-seba (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, li jistghu jigu kunsidrati flimkien, apparti l-fatt li s-seba' (7) imputazzjoni tirreferi ghal *"wara nofs in-nhar"* u t-tmien (8) imputazzjoni tirreferi ghal *"bejn is-1.00pm u 4.00pm"*, fl-affidavit tieghu, PS 1233 John Attard jghid li George Debrincat u Mary Micallef kienu irraportaw li *"ghall-habta tat-3pm [...]"*, u fl-affidavit tieghu PS 664 J. Xerri jghid li: *"ghall-habta ta' 11.30hrs il-Pulizija gew informati minn George Debrincat li joqghod".* Apparti li l-hin indikat fiz-zewg imputazzjonijiet

msemmija, cioé fis-seba' (7) u fit-tmien (8) imputazzjonijiet huwa differenti minn dak indikat fiz-zewg affidavits tal-Pulizija, xorta, mill-provi prodotti, ma jirrizultax dak li hemm fl-imputazzjonijiet, cioé li saru xi hsejjes u li kien hemm xi rwejjah, dhahen etc.  Kwindi dawn iz-zewg akkuzi ma gewx pruvati.

Illi, fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni, jirrizulta li l-licenzja hija *"to keep a boat builder's shop and a mechanical garage"* (Dok. "JM 1").  M'hemmx dubju li b'hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-seba' (7), mit-tmien (8), u mid-disa (9) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 6(b), 7(3), 26(a), 26(e)  tal-Avviz Legali 337 tal-2001, Regolamenti 4, 10(3) u Skeda 2 tal-Avviz Legali 344 tal-2005 u Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2500).

Finalment, il-Qorti mhijiex ser taghti zmien lill-imputat biex inehhi l-materjal kollu li dwaru nstab hati *stante* li jirrizulta li dan diga gie mnehhi u li l-post in kwistjoni illum tnaddaf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------